IL-FOLJU

GĦAQDA STORIKA KULTURALI MARSA

c/o 'Sidmar', 115, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa. MRS 2257. VO | 0665 News Letter

email: mario.j.grech@gmail.com Tel.: 21220124 Mob.: 99497049

Ħarġa Numru: 75 MEJJU – AWWISSU 2026

JIĠI MFAKKAR JUM IL-MARSA - 2026

Mill-Bord

Din is-sena Jum il-Marsa ġie ċċelebrat nhar il-Ħadd 18 ta' Jannar 2026 mil-Kunsill Lokali tal-Marsa. L-Għaqda tagħna ġiet mistiedna biex tattendi għall-quddiesa ta' ringrazzjament li saret fil-Parroċċa ta' Marija Reġina. Il-quddiesa kienet iċċellebrata mil-kappillan ta' Marija Reġina Kan. Anthony Fitzpatrick u mill-kappillan tat-Trinità Qaddisa Fr. Pawl Bugeja OFM Cap. Matul din iċ-ċelebrazzjoni ġew ippremjati Marsin li ġew innominati bħala rikonoxximent tal-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom lejn il-Marsa u s-soċjetà. L-Għaqda tagħna nnominat lid-Dr. Mary Attard. Mary twieldet il-Marsa u għadha toqgħod il-Marsa. Hija ħadmet għal 40 sena bħala għalliema u bħala kap ta' skola post sekondarja tal-Gvern. Fl-istudji tagħha hija għamlet diversi riċerki dwar kif iffurmat il-ġeoloġija u l-morfoloġija tal-Marsa kemm bħala parti mill-Port il-Kbir kif ukoll bħala pjanura fejn tilqa' l-ilmijiet li jiġu mill-widien u jispiċċaw fil-port tal-Marsa.

Dr. Mary Attard tirċievi r-rikonoxximent ta' 'Jum il-Marsa'

Ritratt mehud mill-paġna ta' facebook tal-Kunsill Lokali tal-Marsa

Ritratt mehud mill-paġna ta' facebook tal-Kunsill Lokali tal-Marsa

Fid-dottorat tagħha dwar it-temp u l-bdiel tal-klima hija ffukat kif il-Marsa qed tiġi effettwata mit-tniġġiż tal-arja li jwassal għal bidla fil-micro klima tagħha. Ħadet sehem ukoll f'diskusjonijiet pubbliċi favur l-ambjent Marsi kemm fil-lokalità kif ukoll kellha l-opportunità titkellem fil-parlament Malti dwar dan. Dr. Attard hija wkoll il-viċi-president tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa. Bħalissa qegħda taħseb biex twettaq *survey* fuq l-użu tal-art fil-Marsa minn aspett kummerċjali u ta' mezzi tat-trasport. Hija wkoll il-moderatur fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa Marsa u tikkordina l-letturi u animaturi fil-kummissjoni liturġika parrokkjali u tagħti s-sehem tagħha bħala animatur u lettur fil-parroċċa. Tikkordina *courses* għall-ġenituri u parrini għaż-żgħażagħ li sa jagħmlu l-Griżma tal-Isqof bejn iż-żewġ parroċċi tat-Trinità Qaddisa u ta' Marija Reġina fil-Marsa. Hija teżerċità l-ministeru straordinarju tat-tqarbin lill-morda u lill-anzjani tal-parroċċa tat-Trinità Qaddisa u tgħin fl-Uffiċju Parrokkjali. Il-kumitat tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa tawguralha biex tkompli taħdem fil-Masra għall-ġid tal-Marsin. F

Il-Kumitat għas-sena 2026

Mill-Bord

Wara s-Seduta Ġenerali, li saret nhar l-Erbgħa 4 ta' Frar 2025, il-kumitat reġa' ltaqà għall-ewwel seduta tal-kumitat għas-sena l-ġdida 2026. Din is-seduta saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2026, fiċ-Ċentru San Piju X, fejn ġie ffurmat kumitat ġdid għas-sena 2026.

Il-Kumitat għas-sena 2026 huwa dan:

President:
Is-sur Raymond Montebello

Viċi President:
Is-sinjorina Mary Attard

Segretarju:
Is-sur Andrew Grech

Kaxxier:
Is-sur Ryan Buhagiar

Assistant Kaxxier:
Is-sinjura Maria Buhagiar

P.R.O.
Is-sur Paul Dimech

Arkivista:
Is-sinjorina Louise Vella

Koordinatur mal-Parroċċi:
Is-sinjura Mary Mizzi

Membri:
Is-sur Wistin Aquilina
Is-sur Alfred Ebejer
Is-sur Joseph Spiteri
Is-sur Josef Azzopardi

Il-President, is-Sur Raymond Montebello rringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat il-ġdid li aċċettaw il-kariga li ngħataw.

Is-Seduta Ġenerali għas-sena 2026

Mill-Bord

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa, bħal kull sena laqqgħet lill-membri tagħha għas-Seduta Ġenerali għas-sena 2026. Din saret nhar l-Erbgħa 4 ta' Frar 2026 fiċ-Ċentru San Piju X. Il-laqgħa bdiet billi s-segretarju qara r-rapport Amministrattiv għas-sena 2025 kif ukoll il-minuti tal-aħħar laqgħa. F'din il-laqgħa attenda l-kappillan tal-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa Fr. Pawl Bugeja O.F.M.

Cap. Nominazzjonijiet għall-kumitat 2026 kellna 12-il nomina. Kien hemm diversi suġġerimenti fosthom li hemm bżonn li ngħollu kemm nistgħu isem il-lokalità tagħna tal-Marsa u li din is-sena l-Għaqda tagħna tagħlaq 25 sena mit-twaqqif tagħha. F'din il-laqgħa wkoll il-kumitat ta 'Ġieħ l-Għaqda Storika Kulturali Marsa' lis-sur Dione Cefai għall-kontirbut li ta għal ħafna snin bħala sagristan fil-Parroċċa tat-Trinità Qaddisa. F

TENTUFIET mill-ISTORJA ta' MALTA
- Il-Libertà tal-Istampa u Ġrajjiet oħra -

ikompli mal-ħarġa numru 73

Minn Dr. Saviour Pisani

Kif għedna qabel, Malta għaddiet minn żmien ta' kotor fl-ewwel żmien ta' ħakma tal-Ingliżi f'Malta, iġifieri ngħidu aħna bejn l-1800 u l-1815 meta fl-Ewropa kienet għaddejja l-gwerra ta' Napuljun, li spiċċa mtarraf fil-ġżira Sant'Elena fl-Atlantiku t'isfel. Fl-1813 u l-1814 tfaċċat il-pesta f'Malta u waqa' għaks kbir fuq dawn il-ġejjer sakemm bdiet il-Gwerra tal-Krimea (1854 - 1856) Fl-1828 il-Franċiżi taħt ir-Re Charles X bdew jikkonolizzaw l-Alġerija u ħafna żgħażagħ Maltin marru jaħdmu hemmhekk u għamlu isem tajjeb ukoll. Insemmi lil Laurent Ropa Grech u l-Isqof Antonio Buhagiar. Dawn ħutna Maltin għamlulna ġieħ kbir mal-barranin. Mela l-Gvern Ingliż ma tantx kien ferħan li l-Kolonja - Fortizza ewlenija li kellu fil-Mediterran kienet fi stat ħażin ħafna - faqar, mard, nuqqas ta' tagħlim, tallaba ma' kullimkien, żgħażagħ sejrin lejn l-Alġerija u postijiet oħra tal-Mediterran bħal Sfax, Tunes, Lixandra, Smyrna u oħrajn, biex jaħdmu u jaqilgħu x'jieklu huma u l-familji numeriżi tagħhom. Għalhekk fl-1835 waslet il-kummissjoni Rjali ta' Austen u effett ta' din il-kummissjoni fl-1839 tfaċċat il-Libertà tal-Istampa taħt il-Gvernatur Bouvarie. Dan kien pass kbir 'l quddiem fl-iżvilupp ta' dawn il-ġejjer, sal-1839 kien hawn biss il-gazzetta tal-Gvern, issa kull min ried joħroġ xi gazzetta seta' joħroġha u jesprimi l-fehmiet tiegħu.

Lauren Ropa Grech

L-Isqof Antonio Buhagiar

U b'hekk bdew il-libelli wkoll. Niftakru kif ktibt qabel, li f'dan iż-żmien Malta kienet mimlija b'refuġjati Taljani għax kien hemm moviment biex il-peninsula Taljana tingħaqad. Mal-waqgħa tal-Imperu Ruman fit-Sitt Seklu W.K. bdew jinbtu ħafna bliet stati. Fl-1830 insibu ir-Renju tad-Due Sicilie, l-istati tal-Papa, artijiet maħkuma mill-Awstrijaċi, Dukati u l-aktar importanti Sardegna / Piemonte li kienet l-istat waħdieni Kostituzzjonali. Fil-ħakma tad-Due Sicilie kien hemm il-Borboni, Ferdinandu I, Franġisku I, Ferdinandu II ir-re Bomba u fl-aħħar Franġisku II. Fil-Vatikan kien hemm Gregorio XVI u wara Piju IX, Pio Nono, Papa liberali u progressiv li spiċċa ħalla warajh il-liberali u fl-aħħar tkeċċa minn Ruma wara l-1870 u spiċċa l-Vatikan bħala dar tiegħu. Mela Ferdinand II beda jibża' bir-raġun kollu li f'Malta jibdew jiġu stampati u mitbugħa artikli kontrih u dawn l-artikli jsibu ruħhom ġo Sqallija. Biss ma' seta' jagħmel xejn biex iwaqqaf il-Libertà tal-Istampa f'Malta, dawl żgħir inemnem fid-dlam tal-injoranza li kien hawn f'dan il-pajjiż.

Il-Gvernatur Sir Henry Bouverie

Il-Papa Piju IX (Pio Nono) 1792 - 1878

Ikompli fil-ħarġa li jmiss.

Intervista lill-Kavallier Charles Attard

Benefattur kbir fil-Parroċċa tat-Trinità Qaddisà

Mill-Bord

Bħala parti mill-proġett għall-arkivju, l-Għaqda Storika Kulturali Marsa barra li ġabret għadd ta' ritratti, filmati u dokumenti fejn għamilna wkoll għadd ta' intervisti ma' personalitajiet fil-Marsa. Smajna minn fommhom esperjenzi u l-ħajja tagħhom fil-Marsa. Kien importanti li dawn l-intervisti jiġu arkivjati ħalli fil-ġejjieni t-tfal ta' għada jkollhom il-ġrajjiet tar-raħal tagħhom mill-esperjenza ta' dawn in-nies Marsin bħalhom. Lejn l-aħħar ta' Novembru tal-2025 għamilna intervista esklussiva mall-Kavallier Charles Attard - tal-Billy Boy. Il-Kavallier Charles Attard, jew kif jafu kulħadd, tal-Billy Boy nafuh ukoll bħala wieħed mill-benefatturi kbar tal-Parroċċa tal-Knisja Trinità Qaddisa. Charles twieled nhar l-24 ta' Novembru tal-1947. Waqt l-intervista s-sur Charles Attard stqarr li jismu propja huwa Karmenu u qalilna li ħajtu mit-tfulija kienet sempliċi kemm jista' jkun fejn bħat-tfal oħra kien jilgħab fit-toroq bla karrozzi jew fuq iz-zuntier tal-Knisja. Għall-ewwel kienu joqgħodu fit-Triq is-Salib tal-Marsa f'numru 20C fejn fl-1954 marru joqgħodu fi Triq Simpson kantuniera ma' Triq Balbi. Huwa jiftakar li l-kantuniera mat-Triq Balbi kienet biċċa għalqa li wara saret is-sala tal-Jhansi Hall. Missieru minn ta' Klemens kellhom ix-xogħol tal-braken ix-xatt. Jiftakar li qabel kien imur jittawwal il-ħanut tan-negozju ta' missieri wara li jkun sema' l-quddiesa, kien jgħaddi jixtri l-Berqa u hemm kien jiltaqa' ma' għadd ta' ħaddiema li kienu jistaqsuh x'aħbarijiet hemm u hu jgħidilhom, skont xi jkun qara' fil-gazzetta u wara kienu jħallsulu kafe'. Qalilna li qabel ma missieru beda n-negozju tal-inġinerija l-familja ta' missieru kellhom xarabank bl-isem 'Il-BILLY BOY'. Fiż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, l-Gvern Ingliż kien ħadielhom biex tkun tista' tintuża' għall-pajjiż fejn f'dak iż-żmien kien għaddej minn gwerra. Lil missieru kienu tawh xogħol ieħor fit-

tarzna sa ma spiċċat il-gwerra. Wara l-gwerra, missieru qabad bin-negozju tal-inġinerija, fejn wara hu u ħutu bdew jimpurtaw ukoll oġġetti u għodod tal-inġinerija li kien hawn fis-suq. Dwar tfulitu jsemmi li mal-eżodu ta' ħafna Għawdxi li kienu ġew għax-xogħol fil-Marsa mall-proġett tal-Porto Nuovo, nannu fl-1880, kien fetaħ tverna x-xatt tal-Menqa, li kien mar tajjeb ħafna f'dan in-negozju. Skont Charles in-nannu tiegħu wkoll kellu konnessjoni mal-Knisja tat-Trinità għaliex kien tħajjar li jidħol għall-ħlas ta' vara biex il-knisja jkollha statwa ta' San Franġisk. Din kienet ġiet ordnata mill-Italja, iżda li peress li fl-1914 kienet faqqet l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 - 1918) din l-istatwa ma' waslet qatt u kellu jerġa' jordna oħra iżda din d-darba mingħand il-ħabib tiegħu l-Għawdxi Wistin Camilleri Cauchi. Charles jagħdilna li fiż-żmien tal-addolexxenza kien imur skola l-Kulleġġ fejn stqarr li l-istigma li inti tkun mill-Marsa ilha teżisti s-snin u minħabba f'hekk bata moralment u dan kollu, kif għedna, għax kien mill-Marsa. Iżda skont hu qatt ma waqa' għall-provokazzjoni u dejjem mexa wiċċu 'l fuq u qatt ma staħa jgħid min hu jew minn fejn hu, għax kien itenni li l-istigma trid tifqilha mhux tinjorha. Dwar il-ħajja fil-Marsa ta' wara l-Gwerra, Charles jgħid li hemm differenza kbira u enormi. Huwa kompla jgħid li dak iż-żmien, b'Malta kważi mfarka minn

> "L-istigma li għandna fuq il-Marsa rridu nifqulha"

ikompli f'paġna 5

IL-KOMUNITÀ KAPPUĊĊINA flimkien mall-POPLU MARSI JIRRINGRAZZJAW lis-SUR DIONE CEFAI.

Mill-Bord

Fil-31 ta' Diċembru 2025, propju fl-aħħar tas-sena, Dione Cefai uffiċjalment temm il-kariga tiegħu bħala Sagristan fil-Knisja tas-Ssma. Trinità fil-Marsa. Dione kien ilu f'dan ix-xogħol għal 32 sena. Bla dubju x-xogħol li kien jagħmel kien jagħmlu b'tant lealtà, sagrifiċċju u mħabba u dan mhux qegħdin ngħiduh aħna imma kull min kien jiġi l-Marsa u jidħol fil-Knisja tat-Trinità u jaraha żgur kien jitpaxxa kemm bl-armar u kif ukoll l-organizazzjoni u ndafa li għandha. Dione ħadem u ħafna drabi, ħareġ barra minn triqtu sabiex jara li kollox fil-Knisja jkun sew, bla daqq ta' trombi u dejjem għall-glorja tal-Mulej. Il-Knisja Parrokkjali kienet saret parti minnu. Għalhekk kienet tassew ħaġa sabiħa li l-Komunità Kapuċċina rrikonoxxiet ix-xogħol tant fejjiedi tiegħu billi irregalatlu memorja. Minn naħa tiegħu, Dione Cefai rregala pjaneta lill-Knisja Parrokkjali li tant ħabb u li se jkompli jħobb tul ħajtu kollha. L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq tirringrazzjah għax-xogħol siewi li għamel fil-Parroċċa tagħna u għas-servizz li ta. Jalla t-Trinità Qaddisa tkompli tagħtih is-saħħa u l-barka tul ħajtu kollha. F

Dione jarma għall-festa.

minn paġna 4

wara l-Gwerra kien hawn ħafna faqar, familji b'ħafna tfal u għalhekk iktar tbatija. Meta r-rota bdiet iddur il-ħajja fil-Marsa bdiet terġa' tiġi għan-normal fejn il-mekka tal-ħaddiem Malti bdiet tistejqer bil-mod. Il-kummerċ fil-Marsa kien fl-aqwa tiegħu fejn tul ix-xatt kollu bdew jiftħu għadd ta' mħażen u aġenziji. Kellek fabbriki tad-dqid, tas-sulfarini, tal-ġwież, tas-siment, tal-ħadid, tal-injam u tal-batteriji fost l-oħrajn. Dawn kienu ftit mill-ħafna esperjenzi sbieħ u forsi inqas sbieħ li Charles il-Billy Boy kellu xi għid għalina. Pero fi ftit paġni żgur ma kienx se jkollna spazju għal ħajtu u l-esperjenzi tiegħu. Filwaqt li nirrigrazzjawh li aċċetta l-intervista tagħna, nħeġġukom li kull min jixtieq jaqsam magħna l-esperjenzi tiegħu jikkuntattjana fuq **99497049** jew **79930813**. Min jixtieq jisma' l-intervista kollha jista' jidħol fuq https://m.youtube.com/watch?v=18D-gcioc6s jew fuq l-Facebook tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa u jsegwi dak kollu li qal il-Kavallier Charles Attard. F

Ritratt mehud mill-paġna ta' Facebook tal-Għaqda Festi Estemi Ssma. Trinità Marsa

Ritratti Antiki bi Storja

Minn Paul Dimech

Il-Vjatku huwa l-għoti tal-Ewkaristija u l-aħħar sagramenti lil xi persuna marida li tkun waslet fl-aħħar ta' ħajjitha. Il-kelma 'Vjatku' ġejja mill-kelma 'Viaticum' li tfisser 'Dak li hu meħtieġ għall-vjaġġ tal-aħħar'. Il-vjatku kien isir b'mod solenni f'forma ta' proċessjoni bis-sehem tal-membri tal-fratellanza tas-Sagrament li jakkumpanjaw lill-qassis li jkollu l-Ewkaristija u l-abbati li kien idoqq il-qanpiena matul it-triq kollha. Din it-tradizzjoni hija antika ħafna fejn fl-istatut tal-Fratellanza ta' Santa Marija li twaqqfet fil-Birgu fl-1445, kien hemm stipulat li kull membru kellu jikkontribwixxi sitt karlinijiet kull sena għax-xemgħa u li jakkumpanjaw il-vjatku ta' membri sħabhom bit-torċa mixgħula. Fil-parroċċa tagħna kien hawn żewġ tipi ta' Vjatku, dak tal-moribondi u dak li kien joħroġ solennement wara l-Għid il-Kbir għall-morda u dawk li ma setgħux joħorġu mid-dar. Peress li qabel ħafna morda kienu jibqgħu d-dar meta jkunu morobondi u ma jmorrux l-isptar kienu jitolbu li jinġieb il-Vjatku, ġieli fuq parir tat-tabib li jkun qed jassistihom. Kull meta kienet tindaqq il-qampiena l-kbira bi tlett tokki, ħafna tfal kienu jmorru jiġru fis-sagristija biex jilħqu l-fanal tal-vjatku. Kif kien jitħejja kollox, l-ewwel kien jimxi l-istantard l-aħmar tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament. Kif is-saċerdot kien jasal id-dar jamministra l-aħħar sagramenti u jqarben lill-moribond waqt li l-ġemgħa titlob barra. Il-Vjatklu Solenni tal-Għid il-Kbir kien joħroġ fis-sitta ta' filgħodu bis-sehem tal-fratellanzi, it-terzjarji u l-abbatini li jimxu wara l-istandard tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament. Il-kappillan kien jimxi taħt il-baldakkin sakemm jasal ħdejn i-bibien tal-morda waqt li r-rettur jakkumpanjah bl-umbrella sakemm jidħol ġewwa. Għal dan il-Vjatku t-toroq kienu jinkinsu mal-lejla ta' qabel joħroġ. It-toroq li minnhom ikun se jgħaddi l-Vjatku kienu jimtlew bit-twapet, bil-ward u bil-weraq. Fil-ġnubijiet fuq il-bankini kienu jitpoġġew qsari, gastri, skratać u borom tar-ram, tavolini bil-pjanti u ward bħala qima lejn Ġesù Ostja. Missirijietna Marsin kellhom qima kbira lejn l-Ewkaristija tant li kien isir il-ġbir għall-Vjatku mill-fratelli tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament f'bottijiet tar-ram bis-santa fuqhom. Din id-drawwa spiċċat fl-1970.

Il-proċessjoni tal-Vjatku fit-toroq tal-Marsa

> "Fil-Marsa l-Vjatku kien joħroħ darbtejn"

GĦANDEK XI RITRATTI TAL-MARSA ANTIKA U TIXTIEQ TIRRAKONTA XI STORJA FUQHOM?
ċempel fuq 99497049 / e-mail mario.j.grech@gmail.com

TAHBIL IL-MOHH – LOGHOB
ĊAJT – MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN

Minn Andrew Grech

Mimdudin:

1. **u 3.** Jisirqu dak li mhux tagħhom. (8)
3. **ara 1.**
8. Tista' tħit jew tonxor biha. (5)
9. Ġebel tond u ċatt issibu fejn il-baħar. (5)
10. Skultura ta' persuna mir-ras sal-ispallejn. (4)
11. Sar aħdar! (4)
12. u 15. Ħafna karozzi mweħħlin fit-toroq. (8)
15. ara 12.
19. Granċ kbir. Fil-Marsa kellna minnhom. (5)
20. Dud irqid li jtaqqab il-ħwejjeġ. (5)
21. L-ewwel bniedem maħluq minn Alla. (4)
22. Toħroġ bil-purċissjoni. (4)

GĦ u **IE** f'kaxxa waħda.

Weqfin:

1. Inbid qares imma jintuża' għat-tisjir. (4)
2. Biċċa drapp żgħira bi xbieha tal-Madonna li tiddendel mal-għonq. (5)
4. Għal kull ….. għasel hemm bettija morr! (5)
5. Ditta famuża tal-ħwejjeġ u żraben tal-isports. (4)
6. Bla ħotob. (4)
7. Il-plural ta' wiċċ. (9)
13. TRABA. Anagramma. (5)
14. Apertura. Bidu ta' xi attivita'. (4)
15. Mammala magħrufa wkoll bħala bumarin. (4)
16. Din isejħulha 'l-baxxa' fid-dar. (5)
17. Iktar qawwi. (4)
18. Isem l-mara ta' Abraham. (4)



ĊAJTA

SUDOKU

Daħħal fil-kaxxi vojta ta' kull ringiela, ta' kull kolonna u ta' kull kwadru żgħir ta' 3 kaxxi bi 3, in-numri nieqsa.

	3	2		5		1		
	4		6		2			7
1			7			5	4	
		1		9			7	3
8		6			3	2		
	7		8	4			9	
3			9	6				8
	8	4			7			1
5					4	7	3	



LABIRINT

INFORMAZZJONI U AVVIŻI MILL-GĦAQDA

website: https://ghaqdastorikakultu.wixsite.com/mysite-1 sibuna fuq facebook

Nixtiequ nfakkru u niġbdu l-attenzjoni ta' xi wħud mill-membri li għadhom ma ħallsux il-ħlas Annwali ta' din is-sena 2026, tal-2025 u anki tas-snin l-imgħoddija. **Infakkru li jekk membru ma jħallasx għal tliet snin wara xulxin jiġi meqjus mhux membru tal-Għaqda**. Infakkru wkoll li l-ħlas huwa ta' **€5** fis-sena u hija l-uniku riżors ta' flus li ddaħħal l-Għaqda. Il-ħlas Annwali jista' jsir billi jew tibagħtuha bil-posta lis-segretarju **ANDREW GRECH, 'SIDMAR', 115, TRIQ STIEFNU ZERAFA, MARSA** jew iċċemplu **79930813 / 99497049** u niġu għaliha aħna. Nirringrazzjawkom ħafna tal-kooperazzjoni tagħkom. F

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq tavża li mis-sena 2023 ir-rivista 'Il-Folju' qed ikun *online*. Min jixtieq jibqa' jirċievi din ir-rivista bħas-snin ta' qabel għandu jkun regolari fil-ħlas Annwali u jinfurmana fuq **99497049**. Il-kumitat jixtieq javża wkoll li r-rivista 'Il-Folju' tkun tista' tarah fuq il-paġna ta' *facebook*.

Il-bord ta' 'Il-Folju' jixtieq jirringrazzja lis-sur Mario Grech għax-xogħol li qed jagħmel f'din ir-rivista. Huwa qed jagħmel *proof reading* tal-Malti tal-artikli li jkunu qed jidhru fuq 'il-Folju' biex kemm jista' jkun il-grammatika fil-lingwa tagħna tkun tajba. F

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq tfakkar li din is-sena l-Għaqda tagħna ser tfakkar il-**25 Anniversarju** mit-twaqqif tagħha. Għalhekk il-kumitat bi ħsiebu jorganizza **Quddiesa ta' Ringrazzjament** nhar il-**Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2026** fil-**Knisja tat-Trinità Qaddisa** fis-**6:00 p.m.** Intom il-membri mistiedna għal din il-quddiesa. Il-kumitat ukoll ser jorganizza **Wirja Fuq il-Marsa** bis-sehem tal-Għaqdiet Marsin. Din ser tkun nhar il-**Ġimgħa 23**, is-**Sibt 24**, il-**Ħadd 25** u t-**Tnejn 26** ta' **Ottubru 2026**. Kull min għandu xi ritratti, informazzjoni, oġġetti u tixtiequ tesebuhom fil-wirja jew tixtiequ tirrakontaw xi stejjer relatati mal-Marsa, għamlu kuntatt magħna billi ċċemplu **99497049** jew **79930813** jew *email* fuq **mario.j.grech@gmail.com**. *Dettalji jitħabbru iktar tard.* F

L-GĦAQDA STORIKA KULTURALI MARSA TAWGURA L-FESTA T-TAJBA LILL-MARSIN KOLLHA